**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 17 ta' Gunju, 2016**

**Talba Nru: 188/16 DMA**

**Go p.l.c**
**(C 22334)**

**Vs**

**Caruana Anne**
**(ID. 794754M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Mejju, 2016 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef mija u sebghin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€3,170.92) in kwantu ghal sitt mija u sebghin Ewro u disgha u sittin centezmu (€670.69) in konnessjoni ma' servizzi telefonija fissa, internet u televisjoni, liema servizzi huma migbura fil-kont bin-numru 40447155, u

elfejn u hames mitt Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2,500.23) in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellular liema servizzi huma migbura fil-kont bin-numru 40446449.

Illi s-servizzi ta' telefonija cellular gew ikkuntrattati mas-Socjeta' Mobisle Communications Ltd. liema socjeta' giet, b'effett mid-19 ta' Dicembru, 2015, amalgamate fis-socjeta' Go p.l.c.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet in adempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta, bl-ingunzzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1730/15 u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta dehret personalment u ammetiet it-talba.

It-Tribunal wara li semgha lil konvenuta jilqa' it-talba u jordna lil konvenuta thallas l-ammont kif ridott ta' tlett elef u sebghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€3,070.92) f'rati mensili ta' mitt Ewro (€100).

B'dan pero illi kemm –il darba l-konvenuta  tonqos milli thallas zewg pagamenti konseguttivi allura l-kumpanija attrici jkollha d-dritt titlob l-ammont rimanti f'bilanc wiehed.

Imghax mid-data tas-sentenza.

Spejjez a karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**